# Il-Madonna, Patruna ta' Tas-Sliema u l-Madwar

Minn John Bisazza

Il-qima tagħna l-Maltin u l-Għawdxin lejn il-Madonna hija qadima daqskemm hija qadima l-fidi Nisranija li ħaddanna mal-miġja fostna tal-Appostlu Missierna San Pawl. Tas-Sliema wkoll, għalkemm żagħżugħa meta mqabbla ma' bliet u rħula oħra eqdem minnha, ma baqgħetx lura fil-kult Marjan, li kif ser naraw nibet, kiber u nxtered tul il-medda tas-snin.

Sal-aħħar snin tas-seklu tmintax, min kien iħares lejn tas-Sliema mill-belt Valletta kien jilmaħ xi razzett 'l hawn u 'l hemm u medda ta' ħdura li kienet tibqa' tiela' 'l fuq. Il-lokal kien imfittex l-iżjed għas-sajd u kien magħruf bħala Qortin *nei limiti di Birkirkara.*

Fuq il-ponta tal-blat li kienet tinsab fi spazju miftuħ iħares lejn il-port ta' Marsamxett kienet tinsab knisja żgħira li sa mill-1616 kienet magħrufa taħt ismijiet differenti. Il-poeta Dun Pietru Pawl Grima kien ta deskrizzjoni ta' dawk iż-żminijiet fil-poeżija tiegħu "Għanja lil tas-Sliema":

*Biss f'nofsok, fil-ħdura, dlonk tbajjat il-Knisja, mibnija l-Omm t'Alla Ħallieq il-bnedmin*
*Hawn qabel is-safar, jokorbu l-baħħara, jitolbu bis-sliema li jaslu henjin.*

L-aħħar li tissemma l-Knisja qabel ma ġiet imġarrfa fl-imblokk tal-Franċiżi (1798-1800), kien fl-atti tal-Vista Pastorali tal-Isqof Labini tal-1783 bħala **Porto Salvo a Sliema.** L-isem tal-lokal, bħala appellattiv ta' dak ir-reġjun, ta l-isem lir-raħal. Inkiteb bosta drabi li t-tislima tal-baħħara lejn dik il-Knisja bit-talba tas-*Sliem Għalik Marija*, kif sostnew bosta storiċi, rabat lil tas-Sliema mad-devozzjoni lejn il-Madonna.

Meta l-lokal spiċċa mingħajr Knisja u bdew jittieħdu l-ewwel passi biex tinbena oħra, kien ġie identifikat post iżjed 'il ġewwa mix-xtajta. Fl-1801 bit-tħabrik ta' Saver Mifsud u xi residenti oħra ġiet akkwistata biċċa art u wara li sar xi ġbir u bl-għajnuna tal-Gvern, il-Knisja nbniet u tlestiet fl-1804 u kienet tissejjaħ Nativitatis B.M.V. Il-Knisja, li hija l-iżjed waħda antika f'tas-Sliema, hija magħrufa bħala l-kappella tal-**Madonna tal-Grazzja.** Il-kwadru tat-titulari li probabbilment kien inġieb mill-knisja ta' Tignè, huwa kopja ta' xogħol it-Taljan Gianfranco Penni 'La Madonna del Divino Amore' li jinsab fil-Mużew tal-Arti ta' Napli; fil-knisja jinsabu żewġ pitturi ta' Mattia Preti (1613-1699), wieħed juri l-Anġlu Kustodju u l-ieħor il-Ħarba lejn l-Eġittu.



F'nofs il-Knisja hemm midfuna l-fdalijiet ta' żewġ saċerdoti u lajk li kienu nstabu fil-pedamenti tal-knisja mġarrfa ta' Tigne' u li kienu trasportati fejn jinsabu llum fid-29 ta' Mejju 1856. Sa nofs is-seklu dsatax, bil-popolazzjoni dejjem tiżdied, sar l-ewwel attentat biex titkabbar il-Knisja u peress li ma ntlaqax il-qbil meħtieġ mas-sid tal-art, saret talba lill-kapitlu tal-Katidral biex tingħata biċċa art li kienet tinsab faċċata tal-Knisja biex tinbena oħra ġdida; l-art ingħatat fil-25 ta' Awwissu 1852 u l-ewwel ġebla tqiegħdet fit-28

ta' April 1853 u l-bini tal-Knisja l-ġdida tlesta f'Awwissu 1854; ġiet imbierka fil-11 ta' Awwissu 1855.



*Il-Kappella ta' Tignè – mappa antika tas-seklu tmintax*

Biex jinżamm il-kunċett oriġinali ta' Marija bħala Kewkba li twassal lill-baħħara sal-post tas-sliem, ġie deċiż li l-Knisja l-ġdida tkun iddedikata lil **Marija Stella Maris** – dedika li qatt ma tbegħdet mill-ħsieb tal-ewwel abitanti tal-lokal. Iż-żieda qawwija fil-popolazzjoni wasslet biex il-knisja tkabbret bejn l- 1876 u l-1878, is-sena li fiha saret l-ewwel parroċċa ta' tas-Sliema, meta l-popolazzjoni kienet kibret għal xi 6,000 ruħ.

Fl-1897 il-kappillan Dun Vinċenz Manche li dejjem kien lest biex, sa fejn kien ikun possibbli, jipprova jikkuntenta lill-parruċċani ta' tas-Sliema, laqa' it-talba tagħhom biex jipprova jikkonvinċi lill-awtoritajiet ċivili biex l-isem ta' tas-Sliema jinbidel għal **Citta Maria**, iżda l-Gvernatur Arthur Fremantle ma kienx ta din il-fehma.

Il-konfini tal-parroċċa kienu jaslu sa San Ġiljan u l-Imsida u għalhekk kien beda jinħass il-bżonn li tinbena knisja oħra. Fl-1877 kienet tkabbret il-Knisja tal-**Madonna tal-Karmnu** ġewwa **l-Balluta** ( parroċċa fl-1974) u fl-istess sena, fuq l-inizjattiva tas-saċerdot Belti Dun Pawl Vella nbeda l-bini ta' knisja ġdida ddedikata lill-**Madonna tas-Sacro Cuor** lejn triq il-Prinċep ta' Wales u Triq Santa Marija u li nfetħet fl-1881. Il-Knisja ġiet fdata f'idejn il-Patrijiet Franġiskani Minuri. Fl-1913 il-Knisja tal-Gżira ddedikata lill-**Madonna tal-Karmnu,** magħrufa bħala **'Tal-Ġebla'** saret Viċi-Parroċċa (parroċċa fl-1921) ta' Stella Maris, filwaqt li f'Settembru ta' tliet snin wara, il-Knisja tal-Madonna tas-Sacro Cuor saret it-tieni parroċċa ta' tas-Sliema. Sa mill-1893 il-patrijiet Dumnikani li kienu jieħdu ħsieb il-knisja ddedikata lil Ġesu Nazzarenu, li kienet ferm iżgħar milli hi llum, fix-Xatt ta' Tignè, iddeċidew li jibnu santwarju nazzjonali ddedikat lill-**Madonna tar-Rużarju ta' Pompei** f' dawk l-inħawi, u wara li beda jsir il-ġbir tal-fondi, l-ewwel ġebla tbierket mill-Vigarju Ġenerali l-Isqof Angelo Portelli O.P. fil-15 ta' Awwissu 1921. Ftit wara li beda x-xogħol tal-bini, il-Provinċja Dumnikana kienet kostretta li twaqqaf il-proġett minħabba nuqqas ta' fondi u minflok, titkabbar il-Knisja ddedikata lil Ġesù Nazzarenu (parroċċa fl-1973). Kieku seħħ il-pjan oriġinali, il-preżenza ta' knejjes iddedikati lill-Madonna f'tas-Sliema kienet sa tiġi kkonsolidata.



*Il-Kappella tal-Madonna tal-Grazzja – inbniet fl-1804*



*Knisja ta' Stella Maris – il-faċċata l-antika 1878*



*Knisja tal-Madonna tas-Sacro Cuor – il-faċċata l-antika 1881*

Minn wara t-tiġrif tal-kappella ta' Tignè fl-1798 sa madwar it-tieni nofs tas-seklu għoxrin f'Tas-Sliema u l-madwar kienu jeżistu erba' knejjes iddedikati lill-Madonna u li bis-saħħa ta' hekk daħlu u tkattru bosta devozzjonijiet Marjani taħt diversi forom u li ħafna minnhom għadhom jeżistu sal-lum. Ma tistax ma tissemmiex id-devozzjoni li daħħlu s-Sależjani lejn il-**Madonna Għajnuna tal-Insara** mal-wasla tagħhom f'Malta fl-1904, liema devozzjoni għadha qawwija sal-lum, fejn nhar l-24 ta' kull xahar tinżamm kommemorazzjoni, kif ukoll purċissjoni annwali fix-xahar ta' Mejju.

Mal-medda tas-snin Marija baqgħet tifforma parti mportanti tal-identita' Slimiża; biżżejjed wieħed isemmi l-43 niċċa tal-Verġni Mqaddsa li jinsabu jiddominaw il-kantunieri ta' xi triqat ta' tas-Sliema; anke fiż-żminijiet tal-lum, minkejja li ċerti devozzjonijiet u tradizzjonijiet qegħdin kull ma jmorru dejjem jonqsu, ta min ifaħħar id-drawwa li daħlet, fejn mal-faċċati jew kantunieri ta' appartamenti li nbnew dawn l-aħħar snin, qed titpoġġa statwa tal-Madonna-inizjattiva li tirrifletti tradizzjoni Slimiża li nżergħet fis-seklu sbatax u li minkejja ċ-ċirkostanzi mqallba tal-lum tibqa' mnaqqxa fl-istess isem ta' beltna, li ħadet isimha mit-tislima tal-anġlu.



*Marija Għajnuna tal-Insara għand is-Sależjani*

**Referenzi**


Descrizione delle Chiese di Malta e Gozo – Achille Ferris 1866
Visti Pastorali l-Isqof Alpheran 1758, L-Isqof Vzo. Labini 1781
Tas-Sliema u San Ġiljan, Temi Zammit 1930
Il-Gazzetti 'Malta Tagħna' 23/05/1910 'Malta e Sue Indipendenze' 13/07/1912
Ir- Rużarju Mqaddes, Rivista Dumnikana diversi ħarġiet 1912-1917
A Chronicle of 20th.Century Malta Joseph Bonnici – Michael Cassar 2004